REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1051/2008

ta' l-24 ta' Ottubru 2008

li jemenda l-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 dwar il-limiti kwantitattivi ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa ffirmaw ftehim dwar kummerċ f'ċerti prodotti tal-azzar fis-26 ta' Ottubru 2007 [2] ("il-Ftehim").

(2) L-Artikolu 3(3) tal-Ftehim jistipula li kwantitajiet mhux użati f'sena speċifika jistgħu jintużaw għas-sena ta' wara sa massimu ta' 7 % tal-limitu rilevanti kwantitattiv imsemmi fl-Anness II tal-Ftehim.

(3) Skond l-Artikolu 3(4) tal-Ftehim, jistgħu jsiru trasferimenti bejn gruppi ta' prodotti sa 7 % tal-limitu kwantitattiv ta' grupp ta' prodott speċifiku u trasferimenti bejn kategoriji ta' prodott jistgħu jsiru sa massimu ta' 25 000 tunnellata.

(4) Ir-Russja għarrfet lill-Komunità bl-intenzjoni tagħha li tuża d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(3) u (4) fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-Ftehim. B'riżultat tat-talba Russa, huwa xieraq li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa għal-limiti kwantitattivi għas-sena 2008.

(5) L-Artikolu 10 jistipula li ma' kull tiġdid fis-sena, il-kwantitajiet f'kull grupp ta' prodott għandhom jiżdiedu b'2,5 %.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2007 għandu jkun emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-limiti kwantitattivi għas-sena 2008 imsemmija fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1342/2007 jinbidlu ma' dawk imsemmija fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-limiti kwantitattivi għas-sena 2009 li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 10(1) tal-Ftehim tal-2007 bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ f'ċerti prodotti tal-azzar huma stipulati fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Ottubru 2008

Għall-Kummissjoni
Catherine ASHTON
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 300, 17.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 300, 17.11.2007, p. 52.

ANNESS I

LIMITI KWANTITATTIVI GĦALL-2008

(tunnellati)

Prodotti	2008
SA. Prodotti ċatti	
SA1. Kolji	1 113 993
SA2. Pjanċa tqila	308 907
SA3. Prodotti ċatti oħrajn	600 454
SA4. Prodotti llegati	104 290
SA5. Folji quarto llegati	27 932
SA6. Pjanċi llegati rrumblati fil-kiesaħ u miksijin	109 650
SB. Prodotti twal	
SB1. Travi	58 906
SB2. Vireg tal-wajer	329 010
SB3. Prodotti oħra twal	529 434

Nota: SA u SB huma kategoriji ta' prodotti.
SA1 sa SA6 u SB1 sa SB3 huma gruppi ta' prodotti.

ANNESS II

LIMITI KWANTITATTIVI GĦALL-2009

(tunnellati)

Prodotti	2009
SA. Prodotti ċatti	
SA1. Kolji	1 060 875
SA2. Pjanċa tqila	281 875
SA3. Prodotti ċatti oħrajn	609 875
SA4. Prodotti llegati	107 625
SA5. Folji quarto llegati	25 625
SA6. Pjanċi llegati rrumblati fil-kiesaħ u miksijin	112 750
SB. Prodotti twal	
SB1. Travi	56 375
SB2. Vireg tal-wajer	332 100
SB3. Prodotti oħra twal	519 675

Nota: SA u SB huma kategoriji ta' prodotti.
SA1 sa SA6 u SB1 sa SB3 huma gruppi ta' prodotti.